TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Francis Vella

vs

Phonebox

CCT 71/18/MS

5 ta' Dicembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent pprezentat fl-24 ta' April 2018 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €140.00 prezz ta' *mobile* mixtri minghand l-azjenda intimata, liema *mobile* zviluppatlu hsara fit-terminu tal-garanzija.

Ra r-riposta tal-azjenda intimata pprezentata fil-15 ta' Mejju 2018 fejn irrifjutat it-talbiet attrici peress illi l-hsara li kellu l-mobile kien konsegwenza ta' *oxidisation*, tort tar-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi f'Jannar 2017 ir-rikorrent xtara *mobile* minghand habiba tieghu, Sue Izzo, ghal prezz ta' mija u erbghin Euro, liema mobile kien originiarjament nxtara mill-azjenda intimata fit-22 ta' Dicembru 2016. Fl-istess zmien, dan il-*mobile* beda jimmanifesta l-ewwel problemi. Ittiehed ghand l-azjenda intimata fejn il-mobile inbidel u nghata wiehed gdid (ara xhieda Carlo Ragonesi u d-dokumentazzjoni mehmuza). Ir-rikorrent ighid illi ftit wara rega' ha l-mobile ghat-tiswija peress illi ma bediex jiehu *charge*. Ir-rikorrent ighid li minkejja li l-azjenda intimata kien qed jiehu c-charge "ghalija ma kienx qed jiccargja". Jaf illi l-mobile ntbaghat fl-esteru ghat-tiswija u meta gie lura, r-rikorrent gie mgharraf li l-garanzija ntilfet peress illi l-mobile kien imxarrab.

Illi min-naha l-ohra, Carlo Ragonesi ghan-nom tal-azjenda intimata jikkonferma illi r-rikorrent kien gie ghandhom bil-mobile ghat-tiswija u li dan kien imbidel b'wiehed gdid fil-

bidu tas-sena 2017. Ghaxar xhur wara, fid-9 ta' Novembru 2017, ir-rikorrent rega' gie bi problema ohra - din id-darba li l-mobile ma kienx qed jiehu *charge*. Baghtuh is-*service centre* minn fejn setghu jikkonstataw li kien hemm *oxidisation* f'partijiet essenzjali tal-*mobile* (ara r-ritratti esebiti). Ir-rikorrent ma riedx jaccetta din l-iskuza u ppretenda illi jiehu *mobile* gdid. L-azjenda intimata rrifjutat.

Ikkunsidra

Illi biex ir-rikorrent jkollu success fl-istanza tieghu, jrid almenu jipprova fuq bazi ta' probabilita' illi ghandu ragun fit-talba tieghu - f'dan il-kaz illi l-*mobile* kien affett minn difett latenti fit-terminu tal-garanizja u kwindi kellu d-dritt illi dan jissewwa minghajr hlas. Jew inkella jigi mibdul. Min-naha l-ohra l-azjenda intimata ukoll ghandha l-obbligu biex turi almenu fuq bazi ta' probabbilita' li l-versjoni taghha hija aktar verosimili minn dik progettata mir-rikorrent.

F'dan il-kaz, ir-rikorrent ppruva illi l-*mobile* in kwistjoni nxtara minghand l-azjenda intimata minn persuna ohra u r-rikorrent xtara l-mobile minghandha fit-termini tal-garanzija - f'dan il-kaz, ta' sentejn. Dan ifisser li jekk l-oggett mixtri jizvillupalu hsara konsegwenza tal-manifattura, allura f'dan il-kaz ir-rikorrent jkollu drittijiet naxxenti mill-ligi. Irrizulta wkoll illi f'dan it-terminu tal-garanzija il-*mobile* zvillupalu hsara. Dana huwa l-limitu tal-provi provduti mir-rikorrent.

Min-naha l-ohra l-azjenda intimata, filwaqt illi konfermat il-bejgh u l-obbligazzjonijiet giuridici taghha, ippruvat ukoll a sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal illi l-hsara li zvillupat ma kienx konsegwenza ta' xi difett fil-manifattura izda konsegwenza ta' perkolazzjoni tal-ilma li dahlet fil-mobile fejn affetwat *ic-charging point* (Ara ritratti ezebiti). Din il-perkolazzjoni u konsegwenza *oxidisation* zgur illi mhumiex tort tal-azjenda intimata jew xi difett fil-manifattura. U ta' dan, zgur m'ghandhiex tahti l-azjenda intimata. F'sitwazzjoni bhal din l-garanzija tigi negata u l-propjetarju jrid ihallas il-prezz kollu ghat-tiswija. Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi illi r-rikorrenti m'ghandhomx ragun fit-talba tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjes kontra taghhom.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru